- *CARGO CLAIM –*

*-TALLY SHEET – GATE PASS OUT –*

- *REGOLAMENTI 70 U 90 TAR-REGOLAMENTI TAL-PORT 1966 –*
- *RISKJU TAS-SID U BONUS PATER FAMILIAS;ART 1132 KAP 16 -*
- *DEPOZITARJU; ART1899,1900, 1901,1904 TAL-KAP 16.-*
- *UNIT LOADS - SURVEY FEES –*
- *INTERESSI U SPEJJEZ TAL-KAWZA.-*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 29 ta' Novembru 2001**

**Kawza Numru: 20**
**Citazzjoni Numru: 2268/97/RCP**

**Formosa & Camilleri Ltd bhala agenti Malta tas-Socjeta` Guardian Royal Exchange Assurance plc proprio u kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Michael Attard Limited**

**vs**

**1. Seamalta Company Limited**
**2.The Cargo Handling Company Limited**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fl-15 ta' Otturbru 1996 is-socjeta' Michael Attard Ltd. importat gewwa Malta fuq il-bastiment M.V. Senglea konsenja ta' 57 vettura Peugot.

Illi din il-konsenja giet ikkonsenjata lill-assikurat tal-attur bid-danni u nuqqasijiet spjegati fid-Dok. A (survey report).

Illi *ai termini* tal-polza ta' Assigurazzjoni bejn l-attur u l-assigurat tieghu hu kellu jindenizza lill-assigurat tieghu tad-danni li sofra u b'hekk issa hu gie surrogat fid-drittijiet tal-istess assigurat.

Illi l-attur jikkwantifika id-danni fil-merkanzija *de quo* fl-ammont ta' sitt mija u wiehed u sittin lira u hamsin centezmu (Lm661.50) li maghhom jizdied l-ammont ta' tmienja u erbghin lira (Lm48) bhala *survey fee* ghalhekk danni totali sofferti mill-attur fl-ammont ta' seba' mija u disa' liri u hamsin centezmi (Lm709.50)

Illi il-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli ghal dawn id-danni.

L-istess socjeta` attrici talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli ghad-danni u nuqqasijiet fil-merkanzija tal-assigurat tal-attur li ghalihom ghamel tajjeb l-attur,

2. Tillikwida id-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' Lm709.50.

3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-attur is-somma ta' Lm709.50 bhala danni sofferti mill-attur li ghalihom huma responsabbli il-konvenuti jew min minnhom.

Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni, kontra l-konvenuti li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat id-dokumenti esebiti u l-lista tax-xhieda (fol 4 sa 19).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Company Limited tal-5 ta' Gunju 1998 fejn gie eccepit:

1. Illi preliminarjament, ghandha tigi esebita l-polza ta' assikurazzjoni li a bazi taghha qed jigi allegat li sar il-hlas lill-impurtatur u ghandu daqs tant iehor jigi esebit ic-*cheque* li bih sar l-allegat pagament mis-socjeta attrici u s-socjeta importatrici;

2. Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, ghandu jigi ppruvat li l-hsarat u n-nuqqasijiet dedotti fic-citazzjoni attrici sehhew waqt illi l-vetturi mertu tal-vertenza odjerna kienu fil-kustodja u taht il-kontroll assolut u supervizjoni tas-socjeta konvenuta u li l-istess vetturi gew ikkonsenjati lis-socjeta konvenuta ezenti mill-istess hsarat jew nuqqasijiet.

3. Illi fit-tielet lok, u bla pregudizzju ghall-premess, is-socjeta konvenuta hija ezenta minn kull responsabbilita u dan *ai termini* ta' l-artikolu 70 tar-Regolamenti tal-Port ta' l-1966 (kif emendati permezz ta' l- Avviz Legali Nru. 28/73) li jistipula li "... *in the case of unit load or unitised cargo, the Director of Ports or his Contractor may, subject to the provisions of this regulation, give* a *receipt for the quantity only of unit load received from the ship".* U *ai termini* ta' l-Att IX ta' l-1973, *unit load* jinkludi *inter alia,* "... *vehicles rolled on or off a ship".* Ghaldaqstant, galadarba is-socjeta konvenuta taghti biss ricevuta tal-<u>kwantita</u>, hija ma tista' qatt tkun responsabbli ghan-nuqqasijiet u l-hsarat dedotti fic-citazzjoni attrici, peress illi ikkonsenjat lill-importatur l-istess ammont ta' karozzi li gew sbarkati f' idejha.

4. Illi fir-raba' lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta konvenuta hija ezenti minn kull responsabbilita` u dan *ai termini* ta' l-artikolu 90 u l-Iskeda tlettax (13) tar-Regolamenti tal-Port ta' l-1966, liema artikolu jipprovdi *inter alia* li r-responsabbilita` ta' merkanzija li tigi mahzuna jew stivata fil-berah hija ta' sid l-istess merkanzija.

5. Illi fil-hames lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta konvenuta m'hijiex responsabbli ghall-hsarat u n-nuqqasijiet dedotti fic-citazzjoni attrici stante li hija qdiet l-obbligi kollha imposti fuqha mill-ligi.

6. Illi fis-sitt lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont ta' danni dedott fic-citazzjoni attrici huwa eccessiv u ghaldaqstant ghadu jigi ppruvat kif l-attur wasal ghall-ammont.

7. Illi fis-seba' lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ebda imghax ma hu dovut stante li socjeta konvenuta qatt ma giet interpellata biex thallas ebda ammont ta' danni, u li siccome din *si tratta* ta' kawza ta' danni, il-likwidazzjoni ta' l-ammont dovut tigi determinata bis-sentenza finali.

8. Illi ghaldqstant, in vista tal-premess, it-talbiet attrici, il-kwantu diretti kontra is-socjeta konvenuta, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rispinti bl-ispejjes kontra is-socjeta attrici.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` konvenuta u l-lista tax-xhieda a fol 24 u 25 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` Sea Malta Company Limited tat-8 ta' Gunju 1998 fejn gie eccepit:

Fl-ewwel lok in-nuqqas ta' responsabbilita tas-socjeta Sea Malta Company Limited peress li ma saru ebda danni lill-Merkanzija filwaqt li l-istess merkanzija kienet f'idejn is-socjeta Sea Malta Company Limited.

Fit-tieni lok, u fi kwalunkwe kaz, u bla pregudizzju ghas-suespost, id-danni reklamati ma jirrizultawx kollha mit-Tally Sheet rilevanti, kopja ta' liema hi hawn annessa u mmarkata Dokument SM2.

Fit-tielet lok il-klawsola tal-esoneru kontenuta fil-polza tal-karigu ghat-tenur ta' liema l-konvenut ma hux responsabbili ghad-danni reklamati.

Fir-raba' lok li t-talba tal-attur hija infondata fil-fatt u fil-ligi u ghandha tigi michuda.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.
Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti (fol 28 sa 35).

Rat il-verbal tal-11 ta' Gunju 1998.

Rat in-nota tas-socjeta` konvenuta tas-16 ta' Settembru 1998 fejn permezz taghha esebixxa l-affidavit ta' Joseph Zahra u Anthony Schembri (fol 39 sa 45).

Rat il-verbal tat-12 ta' Marzu 1999 u tad-19 ta' Novembru 1999 fejn xehed Mark Micallef, tat-3 ta' Mejju 2000, tal-4 ta' Ottubru 2000 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta, tat-2 ta' Novembru 2000, tal-11 ta' Jannar 2001 fejn inghata digriet tal-affidavit liz-zewg socjetajiet konvenuti ta' 40 jum, tal-15 ta' Marzu 2001 fejn xehed John Falzon, tat-12 ta' Gunju 2001 fejn Dr Claire Stafrace ghas-socjeta` konvenuta Cargo Handling iddikjarat li m'ghandiex provi aktar, u d-difensuri talbu li jaghmlu nota ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u ddifferiet is-sentenza ghad-29 ta' Novembru 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza tirrigwarda azzjoni ta' danni maghmula mis-socjeta` attrici assiguratrici kemm proprio u kemm bhala surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Michael Attard Limited fejn qed tallega li hija mpurtat 57 vettura Peugot gewwa Malta fuq il-basitment MV Senglea u li tali merkanzija giet ikkonsenjata lill-assigurat taghha bid-danni u konsegwenza ta' dan is-socjeta` attrici kellha thallas lill-

assigurat taghha id-danni minnu sofferti u ghalhekk ghamlet din ic-citazzjoni sabiex jigu rifuzi lilha mill-konvenuti jew min minnhom l-ammont ta' danni li hija halset lill-assigurat taghha fl-ammont ta' Lm661.50 oltre l-ammont ta' Lm48 bhala *survey fee* inkassati minnha konsegwenza tal-istess *claim*.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li skond polza ta' karigu numru 0006 esebita bhala Dok 'M' a fol 19 tal-process kellhom jigu mpurtati Malta fuq il-vapur MV Senglea tas-socjeta` Sea Malta Company Ltd numru ta' karozzi Peugot li jidher li waslu Malta fil-15 t'Ottubru 1996 skond *Tally Sheets* datati 15 t'Ottubru 1996 u esebiti a fol 33 sa 35 tal-process liema *Tally Sheets* jidhru li saru *joint* u li tnizzlu minn fuq il-vapur minghajr ebda rimarki.

Illi konsegwentement jidher minn zewg *Gate Pass Out* immarkati bhala Dokumenti 'J' u 'K' a fol 16 u 17 tal-process rispettivament li karozza wahda harget minghajr rimarki u mill-57 karozzi ohra kkonsenjati lill-imporatur gew indikati is-segwenti rimarki: "*of which car chassis numbers 1673, 9218, 9580, 5781 without cig. Lighter, 4624 and 9580 running board v/slightly dented, 1330 w/out alloy hap cap cadge, l/f door s/scratched r/f wing slightly dented, 7517 bonnet v/slightly scratched & dented, 3197 l/f door v/slightly scratched, 0252 with tale gate door v/slightly dented".*

Illi abbazi ta' dawn il-provi jirrizulta li ladarba t-*tally sheet* saret *joint* u cioe` mir-rapprezentanti u *tally clerks* tas-

socjeta` konvenuta Sea Malta Co Ltd u dawk tas-socjeta` konvenuta l-ohra The Cargo Handling Co Ltd, u la darba l-istess dokument ma gie bl-ebda mod ikkontestat jew kontradett japplika l-principju affermat fis-sentenza fl-ismijiet "**Dr Simon Micallef Stafrace noe vs Godwin Abela et noe**" (A.C. 15 ta' Mejju 1998 – LXXXII.ii.147) fejn inghad illi:

"*Ghalhekk ghandha titqies li tali tally sheet tikkostitwixxi prova tal-kontenut taghha fis-sens li meta l-vetturi in kwistjoni gew zbarkati minn abbord ma kienx fihom nuqqasijiet li allura graw sussegwentement meta l-vetturi kienu fil-kustodja tas-socjeta` konvenuta."*

Illi min-naha l-ohra meta l-istess vetturi gew rilaxxati mis-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co Ltd dawn gew rilaxxati b'diversi rimarki fuqhom li jindikaw li nstabu hsarat u jew nuqqasijiet fl-istess vetturi qabel ma gew hekk moghtija lill-importatur, u ghalhekk dan l-istess dokument jikkostitwixxi prova kontra s-socjeta` The Cargo Handling Ltd rigward l-istat tal-istess vetturi kif minnha rilaxxata, stante li jindikaw li tali hsarat lamentati graw waqt li l-istess merkanzija kienet fil-kustodja tal-istess socjeta` konvenuta, tenut kont tal-fatt ukoll li t-*Tally Sheets* huma *clean.*

Illi dwar il-prova u l-validita` taghha li dawn iz-zewg dokumenti cioe` t-tally sheet u l-*Gate Pass Out* jimpurtaw is-sentenza fl-ismijiet "**Michael Gatt noe vs L-Avukat Dr Philip Sciberras et**" (A.K. 20 t'April 1995 – LXXIX.ii.903) tghid li:

"*Ghaz-zewg mumenti fokali hemm in-nota dokumentarja li ghandha 'juris tantum' tkun deciziva*. *Meta l-merkanzija tigi skarikata minn fuq il-bastiment jigi kkompilat rapport fuq l-istat li fih tinzel il-merkanzija minn abbord – it-tally sheet; u ghat-tieni mument, qabel li l-merkanzija tohrog mid-Dwana u tigi kkonsenjata lill-importatur, dan jirrilaxja certifikat lill-Kontrollur tad-Dwana fuq l-istat tal-merkanzija li jkun qed jircievi – il-Gate Pass Out*".

"*Dawn iz-zewg dokumenti ghandhom jitqiesu bhala decisivi u li jorbtu l-partijiet kollha fil-kawza li ghandhom l-opportunita, f'waqta, a tempo vergine, li jikkontrollaw u jipprecizaw ir-registrazzjoni tal-istat ta' fatt. Provi a posteriori ta' dawk iz-zewg mumenti m'ghandhomx valur kontra l-presunzjoni juris tantum li dawk id-dokumenti huma veri u awtentici, dokumenti li gew ikompilati tempestivament u fil-mumenti opportuni.*"

Illi in vista ta' dan jidher li abbazi ta' dan l-insenjament din il-Qorti ghandha toqghod fuq il-kontenut tal-istess dokumenti kemm ghal dak li jirrigwarda l-istat tal-vetturi meta nizlu minn fuq il-vapur u kemm l-istat tal-vetturi meta dawn gew rilaxxati lill-importatur, u dan ukoll ghaliex ma jidher li fl-ebda mument ta' din il-kawza il-kontenut tal-istess dokumenti ma gie ikkontestat, la minn parti u lanqas minn ohra.

Illi huwa veru li s-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co Ltd sostniet fix-xhieda taghha minnha prodotta u anke

mit-*Tally Sheet* taghha a fol 44 tal-process (liema *Tally Sheets* a fol 44 u 45 tal-process huma wkoll bla rimarki bhal dawk esebiti a fol 33 sa 35 tal-process), li tali vetturi gew mibghuta direttament fis-*Security Yard* u minn hemm moghtija lill-importatur, pero` anke jekk hu hekk certament li tali asserzjoni ma hijiex bizzejjed sabiex tikkontrasta il-kontenut u l-prova maghmula permezz tal-Gate Pass Out li gie ffirmat kemm mir-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co Ltd u minnu kompilat u kontrosenjat mir-rapprezentant tal-importatur.

Illi min-naha l-ohra l-ilment min-naha tal-istess socjeta` The Cargo Handling Co Ltd li r-rapprezentanti taghha ma jkollhomx zmien sabiex jindikaw ir-rimarki tal-istess vetturi huma u nizlin minn fuq il-vapur sabiex tigi kompilata l-istess *Tally Sheet* ma hijiex skuzanti ghall-agir tal-istess kumpanija ghaliex fuq kollox huwa fl-interess taghha li tara li jekk tali vetturi jinzlu bin-nuqqasijiet minn fuq il-vapur hija ghandha tara li dan tindikah fl-istess dokument. La darba l-istess socjeta` m'gharfitx tipprotegi l-interessi taghha *a tempo debito* hija ghandha ssofri l-konsegwenza tal-istess negligenza, u fi kwalunkwe kaz l-istess socjeta` ma gabet ebda prova sabiex tikkuntrasta l-istess dokument.

Illi stabbilit il-premess jonqos biss li jigu kkunsidrati diversi eccezzjonijiet ta' natura legali imresqa mis-socjeta` The Cargo Handling Co Ltd. u l-ewwel fosthom hija dik abbazi tal-artikolu 70 tar-Regolamenti tal-Port tan-1966 (kif emendati permezz tal-Avviz Legali Nru 28/73) fejn qed jinghad li peress li *ai termini* tal-Att 9 tan-1973 "*unit load"*

tinkludi *inter alia “vehicles rolled on or off a ship*” f’dak il-kaz il-kuntrattur jista’ jghati biss ricevuta tal-kwantita tal-*unit load* li huwa rcieva minn fuq il-vapur.

Illi din l-eccezzjoni fl-opinjoni ta’ din il-Qorti bl-ebda mod ma tezenta lis-socjeta` konvenuta mir-responsabbilita` taghha stante li fil-kaz in kwistjoni jidher li l-istess socjeta` The Cargo Handling Co Ltd bhala l-kuntrattur indikat fl-artikolu 70 tar-Regolamenti msemmija jidher li ma utilizzax jew ma profittax ruhu minn tali fakolta peress li l-ircevuta li hareg permezz tal-Gate Pass Out ma kienitx tindika biss il-kwantita tal-istess vetturi izda wkoll indikat in-nuqqasjiet u/jew hsarat li kien hemm fl-istess vetturi, u ghalhekk in vista ta’ tali dikjarazzjoni l-istess artikolu 70 gie rez bla effett u in operattiv u ghalhekk is-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co Ltd assumiet ir-responsabbilita` ta’ dak li hija stess indikat fl-istess Gate Pass Out, mill-liema responsabilita` illum ma tistax tohrog.

Illi l-eccezzjoni l-ohra li l-istess socjeta` konvenuta The Cargo Handling qajmet hija dik li *ai termini* tal-Artikolu 90 u l-iskeda 13 tar-Regolamenti tal-Port tan-1996 hija ezenta minn kull responsabilita` rigward merkanzija li tigi mahzuna jew stivata fil-berah, stante li l-istess merkanzija hekk stivata tibqa’ a riskju tas-sid.

Illi l-istess **regolament 90 tar-Regolamenti ta’ l-1966 dwar il-Portijiet** jipprovdi li:-

*"Is-Supertindent jista', fid-diskrezzjoni tieghu, jordna li zebghat, zjut jew likwidi ohra infjammabbli, oggetti li fin-natura taghhom infushom jistghu jikkontaminaw jew jaghmlu hsara lill-oggetti ohra u l-oggetti specifikati fit-Tlettax l-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti ma ghandhomx jigu depozitati fil-berah, u dejjem ghar-riskju biss tas-sid".*

Illi fit-Tlettax L-iskeda tal-istess regolamenti fost l-oggetti hemm imsemmija hemm ukoll *'vetturi',* u ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li l-istess regolament japplika wkoll ghall-karozzi mertu tal-kawza odjerna.

Illi dwar dan ir-regolament fis-sentenza fl-ismijiet "**Reginald Micallef et noe vs Godwin Abela et noe**" (A.K. 16 ta' Marzu 1992) l-istess regolamenti flimkien mal-Ordinanza tal-Port tan-1962, (illum abbrogata) ghandhom japplikaw ghar-relazzjoni bejn l-istess kuntrattur, id-Direttur tal-Port, u l-importatur dwar l-oggetti li jkunu fil-pussess tal-istess merkanzija, u in linea sussidjarja u sekondarja bil-Kodici Civili, b'hekk li f'kaz ta' kunflitt bejn l-istess zewg ligijiet ghandha tapplika l-ligi specjali fuq dik generali, u in verita' ma huwa xejn hlief principju generali fl-interpretazzjoni tal-ligi.

Illi min-naha l-ohra fis-sentenza **"Avukat Joseph Zammit Mckeon nomine vs David Jones nomine et"** (K.(N.A) 16 ta' Ottubru 1996 – LXXX.ii.1319) inghad li bil-kliem *ghar-riskju biss tas-sid* fl-istess regolament, ifissru li l-istess kuntrattur u d-Direttur tal-Port huma mehlusa minn kull

responsabilita' ta danni jew hsara fil-kaz biss ta' danni rizultanti minn *force majeur,* li ma huwa xejn hlief applikazzjoni normali tal-principju tal-kuntratt ta' depozitu, kif ukoll tal-principju legali li r-riskju, fis-sens legali, jibqa' mas-sid.

Illi izda l-istess sentenza marret oltre minn dan u sostniet illi:-

*"Wiehed pero' irid imur oltre biex l-istess regolamenti jaghmlu sens guridiku. Huwa ovvju li meta merkanzija tigi depozitata fil-berah u mhux fil-mibni hija suggetta ghal possibilita' ta' hsara minn elementi naturali tax-xita, xemx, u r-rih aktar min-normali";*

*"Huwa ovvju ukoll li l-Ministru permezz ta' dawn ir-regolamenti irid jipprotegi lill-istess direttur* (u il-kuntrattur tieghu) *minn din l-eventwalita' u jezonerah minn kull hsara ikkagunata minn dawn l-istess elementi li jmorru ferm oltre l-'orza maggiore' normali pero` li kontra taghhom id-Direttur, fir-rigward ta' merkanzija, li minhabba n-natura taghha trid tinhazen fil-berah, ma jista' jaghmel xejn biex tigi evitata il-hsara".*

*"Il-Qorti pero' ma tasalx biex tinterpreta dawn ir-regolamenti li jfissru li d-Direttur mhu qatt responsabbli f'dan il-kaz u li ma ghandhomx japplikaw il-principji tal-Kodici Civili fuq imsemmija ghaliex li kieku l-legislatur hekk ried dan kien jghidu fl-Att Principali fil-proviso ta' l-artikolu 6 kif qalu f'kazijiet ohra"*

Illi din il-Qorti thoss li skond l-insenjamenti fuq imsemmija, huwa ovvju li ghall-kaz in kwsitjoni japplikaw kemm l-istess regolamenti u l-artikoli dwar d-depozitu fil-Kodici Civili, b'dan li f'kaz ta' konflitt bejn l-istess zewg sett ta' disposizzjonijiet, huma l-istess regolamenti li ghandhom japplikaw fuq id-disposizzjonijiet tal-ligi generali, li hija l-Kodici Civili, u ghalhekk huwa f'kaz ta' kunflitt biss li l-istess regolamenti japlikaw ghad esklusjoni tal-principji ta' depozitu stipulati fil-Kodici Civili; kull interpretazzjoni ohra trendi l-istess regolamenti bla ebda sinifikat, u certament li dan mhux l-iskop ghaliex saru l-istess regolamenti w isiru l-ligijiet.

Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess hija l-opinjoni ta' din il-Qorti, li in forza tal-istess regolamenti, r-responsabilita' tal-istess kuntrattur u tad-Direttur tal-Port, giet fil-kazijiet in ezami ta' merkanzija li tinhazen fil-berah certament limitata, b'dan li nonostante dak kollu li jinghad fil-Kodici Civili dwar l-istitut tad-depozitu, l-istess kuntrattur huwa ezenti minn kull responsabilita' dwar l-istess oggetti hemm mahzuna naxxenti mill-fatt li tali merkanzija qed tigi mahzuna fil-berah u flimkien mal-oggetti hemm elenkati fl-istess regolament u fl-Iskeda Tlettax, b'dan li gew certament imnaqqsa l-obbligi tal-istess depozitarju kif indikati fl-**artikoli 1899, 1900 (1) (b) u (2), u 1904 tal-Kodici Civili,** u dan limitatament u fis-sens li id-depozitant qed jiehu ir-riskju naxxenti mill-fatt li l-istess vetturi qed jigu mizmuma fil-berah.

Illi dan ir-riskju imur oltre dak ta' *force majeur* u tal-elementi naturali tax-xita, xemx u r-rih aktar min-normal, imsemmija fis-sentenza citata, pero' ma ghandux iwassal sal-punt li l-istess kuntrattur huwa mehlus minn kull reponsabilita' rigwardanti l-istess merkanzija, u ghalhekk jibqa' responsabbli bl-obbligi tieghu ta' depozitarju, u dan bil-mod deskritt fil-Kodici Civili, u fl-istess grad ta' missier tajjeb ta' familja skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 1132 u 1900 (2) tal-Kap 16** ghal dawk ir-responsabbiltajiet kollha li ma humiex marbutin mal-fatt li l-istess oggetti jinsabu mahzuna fil-berah u fejn oggetti elenkati fl-istess skeda.

Illi b'konsegwenza ta' dan l-effett li tali regolament jista' jkollu fuq r-responsabilita' tal-kuntrattur jiddependi naturalment fuq il-fattispeci tal-kaz in partikolari u l-merkanzija in kwistjoni, u ghalhekk applikati dawn il-principji ghall-kaz *de quo* jirrizulta li l-hsara lamentata kif jirrizulta mill-*Gate Pass Out* u mis-*survey* a fol. 6 tal-process li l-hsarat jikkonsistu f'*dents* fuq divesi partijiet ta' uhud mill-karozzi, u nuqqas ta' oggetti bhal *cigar lighters, steering wheel, alloy wheel hubcup, u wheel cover,* liema hsarat u nuqqasijiet fl-opinjoni ta' din din il-Qorti ma ghandhom x'jaqsmu xejn mal-fatt li tali merkanzija tinzamm fil-berah, u ghalhekk ir-responsabilitajiet tal-kuntrattur skond kif indikati fl-**artikoli 1900 u 1904 tal-Kodici Civili** ma humiex effettwati bir-regolament 90 supracitata, b'dan li jibqa' l-obbligu tieghu li jiehu hsieb il-haga bhala *bonus paterfamilias* u li jrodd il-haga fl-istess stat li irciviha, b'dan li ghandu jirrispondi ghall-hsara sofferta fl-istess oggett kawza tan-negligenza jew htija tieghu.

Illi fil-kaz odjern gja gie stabbilit li dawn in-nuqqasijiet u hsarat avveraw ruhhom waqt li l-istess vetturi kienu fil-kustodja tas-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited, kif jirrizulta minn ezami tal-istess G*ate Pass Out* u *Tally Sheets* relattivi, u fl-opinjoni ta' din il-Qorti, ma inghatat ebda spjegazzjoni kwalunkwe ghaliex l-istess oggetti gratilhom il-hsara u n-nuqqas indikat fil-kustodja tal-istess socjeta' u ghalhekk ma inghatat ebda raguni ghaliex l-istess socjeta' ghandha tigi ezentata mir-responsabilita' taghha, iktar u iktar fid-dawl tal-kura li suppost li tigi adoperata f'kazi simili, u ghalhekk l-istess socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited ghandha tinzamm responsabbli ghall-istess danni ammontanti ghall-sitt mija u wiehed u sittin lira u tnejn u hamsin centezmu (Lm661.52) skond stima li tinsab a fol. 6 u 7 tal-process li ma giet bl-ebda mod ikkontestata.

Illi dwar l-ammont ulterjuri ta' Lm48 indikati bhala *survey fees* jidher li dawn qed jigu reklamati proprju mis-socjeta' attrici u dan peress li fil-veste taghha bhala surrogata tal-assikurat taghha Michael Attard Limited hija qed tagixxi biss ghall-ammont ta' danni attwalment sofferti mill-istess socjeta' assikurata fl-ammont ta' Lm661.50, kif jirrizulta mis-surroga relattiva datata 11 ta' Frar 1997 a fol. 15 tal-process.

Illi fil-fatt l-istess *survey fees* ma jidhirx thallsu jew gew b'xi mod sopportati mill-istess socjeta' Michael Attard Limited, u jidher li dawn gew imsejha bhala *agency fees* fid-

dokument *Small Claim Information Form* ta' *The Insitute of London Underwriters* a fol. 5 tal-process, u li sar fit-12 ta' Mejju 1997, wara li saret l-istess surroga fil-11 ta' Frar 1997.

Illi kif inghad fis-sentenza **"Dr. Simon Micallef Stafrace nomine vs Godwin Abela"** (A.C. 15 ta' Mejju 1998 – LXXXII.ii.147):

*"Hija korretta allura s-sottomissjoni li s-surroga ma tkoprix is-survey fees fihom infushom, imma biss l-ammont imhallas bhala kumpens tad-danni. F'dan ir-rigward din il-Qorti tirreferi ghall-insenjament ta' diversi sentenzi f'dawn il-Qrati, fosthom dik deciza minn din il-Qorti fis-6 ta' April 1992 fl-ismijiet **Dr. Robert Staines nomine vs Godwin Abela nomine** li rriteniet li s-survey fees qatt ma jithallsu mill-importatur u konsegwentement ma jkun hemm qatt surroga ghalihom. Huma generalment deskritti, "kif inhuma f'dan il-kaz ukoll" bhala agency fees, interess tas-socjeta' attrici proprio li bhal tali mhjiex parti fil-kawza u konsegwentement, m'ghandhiex 'locus standi' fil-konfront tas-socjeta' appellanti. Dan kollu pero' ma jfissirx li ma jistax ikun li xi parti minn dawn is-survey fees ma jkunux dovuti lis-socjeta' assikuratrici attrici f'kaz li jirrizulta li tali ammont ikun kif irreteniet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata 'spiza necessarja u accessorja biex jigu konstatati d-danni reklamati'. F'dan il-kaz allura tali ammont ikun reklamabbli mis-socjeta' assikuratrici mhux in forza ta' surroga, imma in forza tal-principji generali li jekk persuna kkagunat danni hi kellha tirrispondi ghalihom, u*

*konsegwentement, dawn id-danni kellhom jestendu wkoll ghal dak l-ammont li kellu jigi necesarjament minfuq biex jigu stabbiliti dawn id-danni".*

Illi abbazi tal-premess, li gie segwit f'diversi sentenzi fosthom fil-kawza **"Dr. Simon Micallef Stafrace nomine vs Joseph Apps nomine et "** (P.A. (N.A.) 13 ta' Lulju 2001) tali *survey fees* gew ikkonsidrati bhala spiza necessarja u ragonevoli sabiex jigu stabbiliti d-danni sofferti fil-kaz u ghalhekk fl-isfond ta' dan kollu din il-Qorti thoss li tali eccezzjoni tas-socjeta' The Cargo Handling Company Limited ghandha tigi respinta u l-istess *survey fees* fl-ammont modest u ragonevoli ta' Lm48 ghandhom jigu ammessi.

Illi ghalhekk in vista tal-premess, it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti fil-konfront tas-socjeta' konvenuta Seamalta Company Limited, u milqugha fil-konfront tas-socjeta' konvenuta l-ohra The Cargo Handling Company Limited.

## <u>III. KONKLUZZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' it-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta Seamalta Company Limited u tiddikjara li l-istess socjeta' ma hijiex responsabbli ghad-danni reklamati mis-socjeta' attrici, u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited stante li hija responsabbli ghad-danni sofferti mertu tal-

kawza odjerna, **tilqa' t-talbiet attrici limitatament u fil-konfront tal-istess socjeta' The Cargo Handling Company Limited** b'dan illi:-

1. Tiddikjara lis-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited responsabbli ghad-danni u nuqqasijiet fil-merkanzija tal-assigurat tal-attur li ghalihom ghamel tajjeb l-attur,

2. Tillikwida id-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' Lm709.50.

3. Tikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm709.50 bhala danni sofferti mill-attur fil-kwalita' tieghu premessa u li ghalihom hija responsabbli l-istess socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited.

Bl-ispejjez tas-socjeta' attrici u tas-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited a karigu tas-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited, filwaqt li s-socjeta' Seamalta Company Limited ghandha issofri u tbati l-ispejjez taghha stante li ma jirrizultax li qabel din il-kawza ghaddiet kopja tat-*tally sheet* li kienet ghad-disposizzjoni taghha lis-socjeta' attrici, lanqas meta giet interpellata, u bl-imghax legali fuq is-sorte pagabbli mill-istess socjeta' The Cargo Handling Company Limited lis-socjeta' attrici mid-data ta' din is-sentenza sal-effettiv pagament, stante li l-istess ammont ta' danni sofferti gie

biss kannonizzat biss b'din is-sentenza skond it-talba proprja tas-socjeta' attrici, apparti l-fatt li minn imkien fil-process ma jidher li s-socjeta' attrici informat lill-istess socjeta' konvenuta sokkombenti bl-istess ammont ta' danni, ghalkemm is-socjeta' attrici giet interpellata taghmel dan permezz ta' ittra datata 5 ta' Dicembru 1996, esebita mill-istess socjeta' attrici a fol.13 tal-process.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**29 ta' Novembru 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**29 ta' Novembru 2001**